MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 62/2011/1

**Paschalino Cefai**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Preliminari

[1] Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fit-2 ta' Dicembru 2011, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi ddikjarat li biz-zamma taht

arrest preventiv tar-rikorrent minn wara t-3 ta' Novembru 2011, gie lez id-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni], u ordnat lill-Qorti Kriminali kompetenti li, wara li ssirilha talba ghall-helsien mill-arrest mill-akkuzat, tipprovdi favorevolment ghaliha taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha opportuni fl-interess tal-gustizzja.

Il-Fatti

[2] Il-fatti relevanti huma dawn.

[3] Fit-3 ta' Marzu 2011, ir-rikorrent, flimkien ma' ko-akkuzat iehor, gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Struttorja, akkuzat b'reati konnessi mal-abbuz tad-droga, fosthom dawk ta' assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga kokajina, u importazzjoni tal-istess droga, kif ukoll traffikar tar-raza tal-cannabis.

[4] Dakinhar ir-rikorrent ma talabx il-helsien mill-arrest, izda sussegwentement fit-18 ta' April 2011 ir-rikorrent[1] talab il-helsien mill-arrest preventiv, izda din it-talba giet michuda mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Mejju 2011 wara li osservat hekk: "Qieset illi l-Qorti diga` widdbet membru tal-familja dwar possibbilita` intralcjar, u l-fedina penali tal-istess imputat."[2]

[5] Fis-16 ta' Gunju 2011 ir-rikorrent rega' talab[3] lill-istess Qorti tal-Magistrati l-helsien mill-arrest preventiv, izda t-talba tieghu giet michuda b'digriet moghti fl-24 ta' Gunju 2011 wara li dik il-Qorti osservat li kienet taqbel mar-ragunijiet moghtija mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu tad-9 ta' Gunju 2011, liema risposta taqra hekk:

"Illi apparti x-xhieda pajzana li fadal, konsiderando n-natura gravi tal-akkuzi u s-serjeta` tac-cirkostanzi tal-kaz li fihom infushom ma tantx jispiraw fiducja, kif ukoll in-natura tax-xoghol tal-imputat, li fost affarijiet ohrajn jirrikjedi li hu jsiefer b'mod regolari u kwindi minhabba wkoll biza li hu

[1] Vol.1 – Fol.115
[2] Vol.2 – Fol.248
[3] Vol.2 – Fol.253

jahrab minn xtutna, l-esponent ma jarax kif l-imputat jista' jissodisfa l-vot tal-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali, u ghaldaqstant joggezzjona ghat-talba."[4]

[6] Illi fit-30 ta' Gunju 2011 ir-rikorrent talab[5] lill-Qorti Kriminali sabiex takkordalu l-helsien mill-arrest, izda fl-4 ta' Lulju 2011 dik il-Qorti cahdet it-talba wara li osservat hekk:

"Wara li rat il-fedina penali refrattarja tar-rikorrent. Jidhrilha li z-zamma tieghu hi necessarja u proporzjonata ghal riskju reali li jikkommetti reati ohra jekk jinghata l-liberta' provvizorja…."[6]

[7] Fit-28 ta' Lulju 2011[7] ir-rikorrent rega' talab, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-helsien mill-arrest, izda b'digriet moghti fl-1 ta' Awwissu 2011 dik il-Qorti cahdet it-talba wara li osservat li *"Il-Qorti kif gja kellha opportunita` tespremi ruhha, fid-digrieti [precedenti] taghha u dawk tal-Qorti Kriminali, tqis li sallum ghadu ma nbidel xejn minn dak gja` espress fl-istess digrieti, ghaldaqstant tichad it-talba[8]."*

[8] Fil-frattemp fid-29 ta' Lulju 2011, il-prosekuzzjoni ddikjarat li *"ma fadalx xhieda pajzana ghajr xhud mitlub mill-Avukat Generali, li m'ghandux x'jaqsam direttament mal-kaz[9]."*

[9] Fl-4 ta' Awwissu 2011 il-ko-akkuzat inghata l-beneficju tal-helsien mill-arrest preventiv taht diversi kundizzjonijiet.[10]

[10] Fil-5 ta' Awwissu 2011[11] ir-rikorrent rega' talab, quddiem il-Qorti Kriminali, il-helsien mill-arrest preventiv, izda t-talba giet michuda fil-11 ta' Awwissu wara li dik il-

[4] Vol.2 – Fol.256
[5] Vol.3 – Fol.359
[6] Vol.3 – Fol.362
[7] Vol.3- Fol.374
[8] Vol.4 – Fol.378
[9] Vol.3 – Fol.380
[10] Vol.3 – Fol.409
[11] Vol.3 – Fol.413

Qorti osservat li *"… ir-rikorrent ma jaghtix affidament li joqghod ghall-ordnijiet tal-Qorti, ghandu fedina penali attiva hafna, u ghalhekk hemm il-biza reali li jerga' jikkommetti reat iehor. Peress li ma jissodisfax il-kriterji tal-Artikolu 575 tal-Kap.9 …. [12]"*

[11] Fid-19 ta' Awwissu 2011[13] ir-rikorrent rega' talab lill-Qorti Kriminali sabiex taghtih il-helsien mill-arrest, izda t-talba giet michuda wara li dik il-Qorti osservat li *"Innutat li r-rikorrent ghandu kuntatti ma' persuni esteri meta wahda mill-akkuzi hija proprju dwar assocjazzjoni biex tkun importata d-droga. Ma qed tara ebda raguni ghala ghandha tbiddel id-digriet tal-11 ta' Awissu 2011[14]."*

[12] Fit-12 ta' Settembru 2011 ir-rikorrent rega' talab[15] lill-Qorti tal-Magistrati l-helsien mill-arrest, izda b'ezitu negattiv, u dik il-Qorti, *inter alia*, osservat:

"Il-Qorti tibqa' xorta pre-okkupata b'dak li gara f'seduti precedenti, meta sahnasitra kellha anke twiddeb anke lill-familjari tal-imputati[16]."

[13] Fl-20 ta' Settembru 2011 ir-rikorrent rega' talab lill-Qorti Kriminali l-helsien mill-arrest preventiv, izda t-talba tieghu giet michuda minn dik il-Qorti wara li dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Rat illi dan ir-rikors hu wiehed f'sensiela li r-rikorrent qed jintavola kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kollha bl-istess ezitu, u kollha bl-istess argumenti ripetuti u xejn ma jinbidel fic-cirkostanzi tal-imputat minn rikors ghall-iehor.

Peress illi l-Qorti qieset li c-cirkostanzi kollha tal-kaz u n-natura u l-gravita` tar-reat, il-karattru, antecedenti kopjuzi tal-imputat bi sfidi kontinwi lejn l-awtoritajiet, assocjazzjonijiet u r-rabiet tal-imputat, huma

[12] Vol.3 – Fol.417
[13] Vol.3 – Fol.418
[14] Vol.3 – Fol.421
[15] Vol.4 – Fol.436
[16] Vol.4 – Fol.475

konsiderazzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji msemmija fl-Art.575[1] tal-Kap.9[17].”

[14] Fil-21 ta’ Ottubru 2011 ir-rikorrent rega’ talab[18] lill-Qorti tal-Magistrati l-helsien mill-arrest, izda fis-27 ta’ Ottubru 2011 dik il-Qorti cahdet it-talba, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“Fl-ewwel lok din il-Qorti wara d-diversi trattazzjonijiet li semghet b’mod partikolari mid-Difiza, tigbed l-attenzjoni tal-istess illi l-helsien mill-arrest preventiv moghti lil ko-imputat ma jista’ qatt jincidi u qatt jinfluwenza fuq decizjoni li tirrispekkja ko-imputat iehor. Certament il-Qorti li tkun tat jew cahdet skond il-kaz, ikollha r-ragunijiet taghha ghala l-ko-imputat qed jinghata l-liberta` provvizorja u l-iehor le. Fil-fatt din il-Qorti gia` tat l-ispjegazzjonijiet taghha fid-digrieti hawn imsemmija [fols.378 u 476] ghala Paschalino Cefai ma kienx qed jinghata l-beneficju tal-helsien mill-arrest preventiv.

“Ghalkemm din il-Qorti tabbraccja l-preokkupazzjoni tal-Avukat Generali dwar il-konnessjonijet esteri varji li ghandu l-istess rikorrent – din kif jirrizulta mid-digrieti taghha, mhix il-preokkupazzjoni principali. Il-preokkupazzjoni principali tibqa’ dejjem il-fatt illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri membri tal-familja ta’ Paschalino Cefai avvicinaw lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Certament dan qatt ma jista’ jaghti serhan tal-mohh lill-Qorti, li s-sur Paschalino Cefai jista’ jatghti serhan tal-mohh lill-Qorti, illi hu jista’ jiggarantixxi l-vot tal-Artikolu 574 u 575 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi sakemm din il-Qorti jkollha dikjarazzjoni cara, almenu minn dan il-lat, illi l-Prosekuzzjoni m’ghandhiex xhieda vulnerabbli aktar, u sekondarjament meta tista’ tissigura li s-sur Paschalino Cefai tramite l-konnessjonijiet esteri tieghu, ma jabskondix dawn il-Gzejjer, qeghda f’dan l-istadju tichad it-talba[19].”

[17] Vol.4 – Fol.486
[18] Vol.4 – Fol.489
[19] Vol.4 – Fol.575

[15] Fit-2 ta' Novembru 2011 ir-rikorrent rega' talab mill-Qorti Kriminali il-helsien mill-arrest, izda t-talba tieghu regghet giet michuda wara li dik il-Qorti osservat:

"Filwaqt li din il-Qorti tifhem l-argumenti migjuba mid-difiza senjatament il-fatt li issa r-rikorrent ilu tmien xhur arrestat u jisthoqqlu l-ghoti tal-beneficju tal-helsien mill-arrest, min-naha l-ohra tifhem ukoll il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti dwar l-indhil tal-familja tar-rikorrent meta gew avvicinati x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Dan il-fatt mhux kontestat, u hu rrilevanti jekk ir-rikorrent kienx jaf b'din l-izvolta jew le. Hu x'inhu, il-process gudizzjarju gie mtappan b'dan l-indhil u s-serenita` li ghandha tirrenja fuq xhud meta jaghti disposizzjoni tieghu giet pregudikata serjament. Ghalhekk bhal l-ewwel Qorti din il-Qorti trid li jkollha mohhha mistrieh li qabel ma tigi kunsdirata talba ohra bhal din, ix-xhieda vulnerabbli kollha jkunu taw ix-xhieda taghhom minghajr xkiel u ndhil. F'dan l-istadju dan ghadu ma sarx ghax il-prosekuzzjoni ghadha ma ddikjaratx l-gheluq tal-provi taghha. Ghalhekk, ghal din ir-raguni u r-ragunijiet l-ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistati fid-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru 2011 ma thossx li l-vot tal-Artikolu 575 tal-Kap.9 jista' jigi sodisfatt f'dawn ic-cirkostanzi u f'dan l-istadju[20]."

[16] Illi in segwitu ghas-sentenza appellata, fis-7 ta' Dicembru 2011 ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest preventiv taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jidher ghal kull att tal-process meta jigi msejjah minn xi qorti, u li ma jkellimx u ma javvicinax xhieda tal-Prosekuzzjoni, la direttament u lanqas indirettament.

[17] Illi huwa opportun li l-intimat dejjem oppona ghat-talbiet maghmula mir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest, u dejjem kien konsistenti fir-ragunijiet ghall-oppozizzjoni tieghu. Inoltre, it-talbiet gew debitament trattati miz-zewg nahat quddiem il-Qorti adita.

**Is-Sentenza Appellata**

[20] Vol.4 – Fol.584

[18] Illi fit-28 ta' Settembru 2011 ir-rikorrent intavola proceduri kostituzzjonali quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili li tat id-decizjoni taghha fuq rapportata, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi r-rikorrent f'dan il-kaz tressaq taht arrest fit-3 ta' Marzu 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, akkuzat b'reati konnessi mad-droga. Diversi drabi talab il-liberta' provizorja, pero` kull darba, it-talba tieghu giet michuda. Ir-rikorrent ressaq erba' talbiet ghall-helsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u tlieta jew erba' talbiet ohra quddiem il-Qorti Kriminali. Ir-ragunijiet principali ghala tali talba kienet qed tigi michuda kien il-biza' li hu jahrab minn Malta u s-serjeta` tac-cirkostanzi tal-kaz. Ir-rikorrent qed jigi akkuzat li assoccja ruhu ma' persuni residenti barra minn Malta fl-importazzjoni tad-droga, u peress li, allura jinghad li ghandu kuntatti barra minn Malta, jidher li hemm biza' li r-rikorrent jahrab minn Malta peress li hemm min jghinu jaghmel dan mill-esteru. Jinghad ukoll li r-rikorrent ma jaghtix affidament li, jekk jinghata l-helsien mill-arrest preventiv, ma jikkommettix reat iehor.

"Trattat il-kaz, il-Qorti tara illi l-artikolu 5(3) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:

*"Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghall-proceduri fi zmien ragjonevoli jew ghall-helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri."*

"L-artikolu 574 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghall-helsien mill-arrest:

*""Meta huwa jaghti garanzija tajba li jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu lilu ordnati taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet li jaghti l-helsien mill-arrest, liema digriet ghandu, f'kull kaz jigi notifikat lill-imputat jew akkuzat."*

"Issa, ma hemmx dubju li skond il-Kodici Kriminali, sia meta si tratta ta' delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew delitt li jgib mieghu l-piena ta' prigunerija ghal ghomru u sia meta si tratta ta' kwalsiasi reat iehor, il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali li tkun hija obbligata li tassigura li, jekk takkorda l-helsien mill-arrest, ma jkunx hemm il-perikoli ravizzatik fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Dawn il-perikoli huma li l-akkuzat jew imputat (a) "*jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorita` imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija*", (b) "*jinheba jew jitlaq minn Malta*", (c) "*ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fl-obbligazzjoni tal-garanzija*", (d) "*jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra*", u (e) "*jikkommetti xi reat iehor*". Huwa proprju ghalhekk li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tista', meta takkorda l-helsien mill-arrest, timponi kundizzjonijiet ohra oltre l-garanzija (fil-forma ta' plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita, jew fil-forma tad-depozitu ta' dik is-somma jew depozitu ta' rahan li jiswa' daqsha, jew fil-forma tal-obbligazzjoni personali tal-imputat – Art. 577) li l-imputat jew akkuzat jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu ordnati lilu.

"Ma jistax jinghad pero`, li dawn l-artikoli jilledu xi drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif garantit fl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Aquilina et vs Avukat Generali", deciza fl-1 ta' Gunju 2007, "*Ghalkemm huwa minnu li dana l-Artikolu (artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni) meta jirreferi ghall-helsien waqt pendenza ta' proceduri, jghid "il-helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanzija biex [l-arrestat jew detenut] jidher ghall-proceduri", dana ma jfissirx li huma biss dawn il-kondizzjonijiet, cioe' dawk intizi biex jassiguraw li l-imputat jew akkuzat jidher ghall-proceduri, li jistghu jigu imposti. Dan hu evidenti anke mill-istess gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. In fatti, fost ir-relevant and sufficient grounds li dik il-Qorti accettat bhala li jistghu jiggustifikaw li persuna akkuzata b'reat tibqa' arrestata, ghall-anqas ghal certu zmien, bla ma tinghata bail hemm*

*is-segwenti: (i) the seriousness of the alleged offences and the strength of suspicion; (ii) protection of public order; (iii) risk of pressure on witnesses or collusion with co-accused; (iv) risk of repetition of offences; u (v) danger of absconding. Meta jkun hemm xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi li jiggustifikaw, anke jekk biss ghal certu zmien, ir-rifjut tal-ghoti tal-helsien mill-arrest, jekk dak il-perikolu jew riskju jkun jista' jigi mxejjen jew ghall-anqas minimizzat b'xi kundizzjoni (li allura ma tkunx kundizzjoni li tassigura biss id-dehra tal-akkuzat jew imputat) imposta mal-ghoti tal-helsien, tali helsien ghandu jinghata b'dik il-kundizzjoni, u dan proprju in omagg ghall-principju tal-liberta' tal-persuna. Li wiehed jargumenta bil-kontra – kif qed jaghmlu l-appellanti – ikun ifisser li fejn Qorti tista' taghti l-helsien taht kundizzjoni jew kundizzjonijiet bhal dawn, hija ma taghtix il-helsien ghax il-kundizzjoni ma tkunx wahda biex dak li jkun "jidher ghall-proceduri"*.

"Kwindi, kundizzjonijiet li ma jkunux marbuta direttament mal-obbligu tal-akkuzat li "*jidher ghall-proceduri*" ghandhom jitqiesu validi sakemm dawn ikunu ragjonevoli u mehtiega, u ma jkunux tali li jistghu jwasslu ghac-cahda lir-rikorrent mid-dritt tieghu ghall-helsien mill-arrest, b'mod li d-detenzjoni kontinwa tieghu tkun tista' titqies inumama, u mhux f'lokha (ara dak li osservat *obitir* din il-Qorti fil-kawza "Karfus vs Kummissarju tal-Pulizija et", deciza fis-27 ta' April 2006).

"Fil-fatt mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, johrog car li meta Qorti tikkunsidra taghtix il-helsien mill-arrest lill-akkuzat, trid tqis diversi fatturi. Fil-kaz "Kubicz vs Poland", deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fit-28 ta' Gunju 2006, intqal li:

*""The question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect*

*for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention."*

"L-istess Qorti Ewropea, f'diversi sentenzi ohra, qieset diversi cirkostanzi li jistghu jew ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex almenu, ghal certu zmien, l-akkuzat jiccahhad mill-helsien mill-arrest. Hekk intqal:

*(i) "the matter of when the trial or, in the present case, re-trial will occur is not a relevant reason for the purpose of Article 5(3)" – "<u>Gault vs The United Kingdom</u>", ECHR, 20 ta' Novembru 2007;*

*(ii) "the suspicion against the applicant of having committed serious offences could have initially warranted his detention ... The Gravity of the charges cannot by itself serve to justify long periods of detention on remand" – "<u>Panchenko vs Russia</u>", ECHR, 8 ta' Mejju 2005;*

*(iii) "the persistence of reasonable suspicion is a condition sine qua non for the lawfulness of the continued detention, but after a certain lapse of time it no longer sufficies" – "<u>Gault vs The United Kingdom</u>", ECHR, 20 ta' Novembru 2007;*

*(iv) "the severity of the sentence faced is a relevant element in the assessment of the risk of absconding or re-offending" – "<u>Ilijkov vs Bulgaria</u>", ECHR, 26 ta' Lulju 2001;*

*(v) "The Court accepts that a genuine risk of pressure being brought to bear on the witness may have existed initially, but takes the view that it diminished and indeed disappeared with the passing of time" – "<u>Lettellier vs France</u>", ECHR, 26 ta' Gunju 1991;*

*(vi) "The Court points out that such a danger (of absconding) cannot be gauged solely on the basis of the severity of the sentence risked. It must be assessed with reference to a number of other relevant factors which may either confirm the existence of a danger of absconding or make it appear so slight that it cannot justify detention*

*pending trial” – “<u>Lettellier vs France</u>”, ECHR, 26 ta’ Gunju 1991;*

*(vii) The Court accepts that, by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention, at least for a time. In exceptional circumstances, this factor may therefore be taken into account for the purposes of the Convention, in any event in so far as domestic law recognizes the notion of disturbance to public ordercaused by an offence” – “<u>Lettellier vs France</u>”, ECHR, 26 ta’ Gunju 1991*.

“Wara li jghaddi certu zmien, il-Qorti trid tara kif tipprovdi ghall-helsien mill-arrest, izda dan mhux necessarjament ikun inkundizzjonat. Darba cioe’ li l-Qorti kompetenti, wara li tqis dawn il-kriterji u specjalment wara li jghaddi certu zmien minn fuq l-arrest, tara li ghandha tipprovdi ghall-helsien mill-arrest, tista’ tasal biex timponi kundizzjonijiet biex tissalvagwardja kontra l-istess perikli aktar qabel ikkunsidrati. Dan intqal mhux biss mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “<u>Aquilina vs Avukat Generali</u>”, aktar qabel indikati, izda anke mill-istess Qorti Ewropea. Hekk, fil-kaz “<u>Kubicz vs Poland</u>”, ukoll aktar qabel imsemmija, gie osservat hekk fil-kuntest tal-Qrati Polakki li jichdu talbiet ghall-helsien mill-arrest:

*““The Court would note that during the entire period of the applicant’s pre-trial detention, and despite his repeated applications for release, the authorities did not consider the possibility of imposing on him other preventive measures, such as bail or police supervision – expressly foreseen by Polish law to secure the proper conduct of criminal proceedings.”*

“Il-“*proper conduct of criminal proceedings*”, ma jirreferux biss ghad-dehra tal-akkuzat quddiem il-Qorti li tkun qed tistharreg il-kaz tieghu, izda ghal kwalunkwe interferenza fil-process kriminali kollu, u l-Qorti ghandha dritt tikkawtela f’dan is-sens. Ma jistax jinghad, kwindi, li l-artikoli tal-Kodici Kriminali invokati b’xi mod jilledu d-drittijiet tar-

rikorrent kif garantiti bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Il-“*preventive measures*” iridu, pero`, ikunu dejjem ragjonevoli u “*necessary in a democratic society*” – “Labita vs Italy”, ECHR, 6 ta’ April 2000. Issa, f’dan il-kaz, ir-rikorrent gie ghal diversi drabi mcahhad mil-liberta’ provizorja u din il-Qorti, meta tqis il-gravita` tal-akkuza (spacc ta’ droga), is-severita` tas-sentenza li qed jirriskja r-rikorrent, u l-interess pubbliku, ma tarax li din ic-cahda temporanja kienet, sa issa, wahda irragjonevoli jew mhux mehtiega f’pajjiz demokratiku.

“Intqal “sa issa” peress li, skond l-istess duttrina, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar ikun impellenti li l-akkuzat jinghata l-helsien mill-arrest. F’dan il-kaz, saret dikjarazzjoni mill-Pulizija prosekutrici li ma fadlilhiex xhieda pajzana x’jixhdu, u dana fid-29 ta’ Lulju 2011, u issa, meta tqis li r-rikorrent ilu ga tmien xhur taht arrest preventiv, ma tarax li ghad hemm cirkostanzi gravi u impellenti li ghandhom icahhdu lir-rikorrent mil-liberta’ provizorja. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat, aktar minn darba, li l-gravita` tal-akkuza ma tistax wahedha tiggustifika perjodi twal ta’ detenzjoni, multo magis f’dan il-kaz fejn il-ko-akkuzat inghata l-helsien mill-arrest.

“Minn dak li ngieb a konjizzjoni tal-Qorti, ma jidhirx li l-bezat tal-prosekuzzjoni ma jistghux jigu, sa certu punt, kawtelati. Ovvjament, tibqa’ dejjem il-possibbilita` li dak li jkun jisgicca minn taht idejn l-awtoritajiet, pero`, dan ir-riskju meta jitqieghed f’bilanc mad-dritt ta’ persuna ghal-liberta’ taghha jidghajjef wara certu zmien. Il-passagg taz-zmien, fil-fatt, idghajjef hafna mill-konsiderazzjonijiet li s-soltu jwasslu ghal cahda ta’ liberta’ provizorja.

“Din il-Qorti tara li issa wasal iz-zmien li t-talba tar-rikorrent tigi kkunsidrata f’dawl gdid, u sakemm ma jinqalghux cirkostanzi godda li jaghtu lok ghall-biza’ gdid u impellenti ta’ interferenza fil-process, l-akkuzat ghandu jinghata l-helsien mill-arrest, taht dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti kompetenti jidhrilha opportuni biex jigu salvagwardati l-interessi tal-gustizzja. Mhux kompitu ta’

din il-Qorti tiffissa hi l-kundizzjonijiet ghal-liberta' provizorja, ghax din hi materja li tidhol fil-kompetenza tal-qrati kriminali. Dawn il-kundizzjonijiet, pero`, ma ghandhomx iwasslu biex fil-verita`, jekk mhux fil-forma, jigi mxekkel id-dritt tal-akkuzat ghall-helsien mill-arrest.

"Din il-Qorti, ghalhekk sejra tqis li lill-akkuzat gew lezi d-dritt tieghu ghall-helsien mill-arrest gheluq it-tmien xahar mill-arrest tieghu (3 ta' Novembru 2011), izda mhux se tipprovdi ghall-hlas ta' kumpens remuneratorju, ghax tara li d-dikjarazzjoni ta' ksur, u l-ordni li se taghti huma bizzejjed "just satisfaction" ghar-rikorrent."

**<u>L-Appell tal-Avukat Generali</u>**

[19] Illi fis-sustanza, l-aggravju tal-intimat appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha strahet unikament fuq zewg konsiderazzjonijiet: il-fatt li l-appellat ilu taht arrest preventiv sa mit-3 ta' Marzu 2011, u l-fatt li l-ko-akkuzat inghata l-helsien mill-arrest; u in vista ta' dawn il-fatti, u wkoll fid-dawl tal-fatt li kienu nstemghu x-xhieda pajzana, allura skont l-ewwel Qorti, it-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest preventiv kellha tigi kkunsidrata pozittivament.

[20] L-intimat isostni li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi li jimmilitaw kontra l-ghoti tal-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Dawn huma:

"[i] in-natura serja u l-gravita` tar-reati li l-appellat jinsab akkuzat bihom; [ii] il-karattru refrettarju tieghu li jispikka mill-fedina penali tal-istess in bazi ta' eghmil antecedenti tal-istess appellat mizghud b'diversi offizi ta' vjolenza kontra l-Pulizija u abbinat mal-fatt li l-appellat diga` huwa recidiv stante li kiser l-ordnijiet tal-Qorti; [iv] l-gherfien li jekk kellu jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih ikun ser jaffaccjaw sentenza ta' prigunerija fit-tul; u r-rabtiet ma' kuntatti barra minn Malta minhabba n-negozju tieghu u li ghalhekk jista' facilment jahrab minn Malta u jizgicca l-process gudizzjarju ghas-skapitu tal-interessi tal-gustizzja. [Dawn il-fatturi] kollha jimmilitaw lejn il-fatt li r-rikorrent appellat ma offriex affidabilita` sufficjenti lill-Qrati

koncernati li jsegwi rigorozament ir-rekwiziti ta’ l-Artikolu 575 tal-Kap.9”

[21] L-intimat ikompli jsostni:

“Illi fil-fatt il-kriterji sabiex qorti kompetenti tkun sodisfatta li mputat jikkwalifika ghall-helsien mill-arrest ghandhom jitqiesu bhala assiem wiehed ta’ kondizzjonijiet lli huma kollha relatati ma’ xulxin bhal katina. Ghalhekk mhux korrett illi wiehed semplicement inehhi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet stante li x-xhieda pajzana diga` instemghu u jiskarta ohrajn.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[22] Illi mill-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta li l-preokkupazzjoni principali, kemm tal-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll tal-Qorti Kriminali, hija l-possibbilita` reali li, jekk ir-rikorrent jinghata l-helsien mill-arrest, dan il-fatt kien ser itellef mis-serenita` tax-xhieda li xehdu u ghad iridu jixhdu fil-proceduri kriminali.

[23] Din il-biza’ espressa mill-imsemmija qrati ssib l-origini taghha f’dak li sehh quddiem il-Qorti tal-Magistrati meta fl-udjenza tal-10 ta’ Marzu 2011, wara li xehed ix-xhud pajzan Jacques Pisani, impjegat bhala skrivan mar-rikorrent, dik il-Qorti hasset li kellha twiddeb lil John Cefai, hu r-rikorrent, sabiex *“bl-ebda mod ma javvicina lil Jacques Pisani jew lil xhud iehor*[21]*.”* Fix-xhieda tieghu dan ix-xhud, wara li qal li kien avvicinat minn John Cefai, talab lill-Qorti protezzjoni ghalih u ghall-familja tieghu.

[24] Dan il-fattur tal-biza’ tal-intralcjar fil-provi da parti tar-rikorrent hija fortifikata bil-fedina penali “attiva hafna” tieghu minn fejn jidher car il-karattru refrattarju u aggressiv tieghu. Minn dan id-dokument jirrizulta li bejn is-snin 1995 u 2010, ir-rikorrent instab hati diversi drabi ta’ reati li jaghtu xhieda tal-karattru aggressiv tieghu, u tan-nuqqas ta’ rispett lejn l-Awtorita`.

[21] Vol.1 – Fol.23

[25] Il-kwadru segwenti jaghti stampa aktar cara.

[26] Ir-rikorrent kien instab hati diversi drabi li kiser il-paci pubblika, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, u hebb u ngurja terzi, u anke membri tal-pulizija. Fis-sena 1999 huwa kien instab hati li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq terzi, apparti ksur tal-paci pubblika, u fis-sena 2002 huwa kien instab hati tar-reat ta' ferita hafifa, apparti dak ta' ksur tal-paci pubblika u theddid. Fis-sena 2003 instab hati li kkaguna hsara volontarja fuq vettura ta' terzi, u fis-sena 2006 rega' nstab hati ta' dan il-generu ta' reat u kien wehel disa' (9) xhur prigunerija. Fis-sena 2004 kien instab hati li rrezista membri tal-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom, kif ukoll li ngurja, hedded u kkaguna offiza fuq l-istess, apparti l-ksur tal-buon ordni. Fis-sena 2004 kien gie mmultat Lm25 ghad-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Fis-sena 2006 huwa kien instab hati ta' ksur tal-paci pubblika f'zewg okkazzjonijiet ohra. Fis-sena 2007 kien instab hati li hedded membru tal-korp tal-pulizija, u ma obdiex ordni legittima tal-pulizija. Fis-sena 2008 huwa nstab hati ta' theddid fil-konfront ta' Deputat Registratur fil-Qorti t'Ghawdex. Fis-sena 2009 huwa kien instab hati li ngurja u rrezista membri tal-korp tal-pulizija, u kkaguna ferita gravi fuq terzi, kif ukoll li kkaguna hsara volontarja u li hu kien recidiv. Fis-sena 2010 gie misjub hati li tkellem oxxen fil-pubbliku.

[27] Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-fedina penali ma tikkontjeni ebda reat konness mad-droga, izda l-kontenut taghha jaghti bazi valida lit-tezi tal-intimat li l-komportament tar-rikorrent kif jirrizulta mill-imsemmi dokument huwa tali li jdghajjef l-affidabilita` tieghu li jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet li l-qrati kriminali jistghu jimponu fuqu sabiex jaghtuh il-helsien mill-arrest preventiv. Inoltre, il-karattru refrattarju u vjolenti tar-rikorrent isahhah il-biza' tal-qrati kriminali li, fil-kaz li r-rikorrent jinghata l-helsien mill-arrest, hemm il-possibbilita` reali li jipprova jintralcja l-provi.

[28] Illi l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha li ssib vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni fuq il-fatt li fid-29 ta' Lulju 2011 il-prosekuzzjoni f'dak l-istadju ma kienx

ghad fadlilha xhieda pajzana x'tipproduci, kif ukoll fuq il-fatt li r-rikorrent kien ilu mizmum taht arrest preventiv tmien xhur u li *"il-passagg taz-zmien, fil-fatt, idghajjfu hafna mill-konsiderazzjonijiet li soltu jwasslu ghal cahda a' liberta` provvizorja."* F'dan il-kuntest, il-qrati kriminali kellhom jikkonsidraw favorevolment it-talbiet tar-rikorrent ghal helsien mill-arrest, taht kundizzjonijiet li jassiguraw li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix intralcjata, *multo magis* meta l-ko-akkuzat f'Awwissu 2011 kien inghata l-helsien mill-arrest.

[29] Din il-Qorti, filwaqt li taqbel li, kif sostnut fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, mal-mghodija taz-zmien il-fattur tal-gravita` tal-akkuzi u s-severita` tal-piena li dawn igorru maghhom, iddghajjef bhala raguni valida ghac-cahda tal-liberta` provvizorja, *multo magis* fid-dawl ta' dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li x-xhieda pajzana diga` xehdu, mill-banda l-ohra, pero` ma jistax jigi njorat l-andament tal-proceduri fit-totalita` taghhom, kif ukoll l-affidabbilita` o meno tal-akkuzat li josserva l-kundizzjonijiet imposti mal-helsien tieghu mill-arrest.

[30] Fil-kaz in dizamina jirrizulta li sas-26 ta' Ottubru 2011 il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti kumpilatorja semghet madwar wiehed u tletin (31) xhud, fosthom pajzana, pulizija u esperti nominati minnha, kif ukoll hadet konjizzjoni tad-diversi rikorsi prezentati quddiemha mir-rikorrent u mill-ko-akkuzat l-iehor, u tat digrieti relattivi wara li semghet it-trattazzjonijiet tad-difensuri. Inoltre, gew prezentati diversi dokumenti, fosthom relazzjonijiet ta' esperti u processi verbali; u kif jirrizulta mir-rinviju tal-14 ta' Novembru 2012[22] ghad fadal zewg xhieda pajzana. Wara kollox l-istruttorja ssir sabiex jingabru l-provi, inkluzi dawk li l-prosekuzzjoni tiskopri matul l-istess struttorja, u ghalhekk dikjarazzjoni mill-Prosekuzzjoni li ma fadalx aktar xhieda pajzana meta l-kumpilazzjoni ghadha ghaddeja fl-istadju tar-rinviji, hija valida biss inkwantu relattiva ghal dak l-istadju li tkun wasslet fih il-kumpilazzjoni.

[22] Vol.6 – fol.796

[31] Fid-dawl tal-premessi kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tosserva li ma jistax validament jinghad li l-proceduri tal-istruttorja twalu inutilment.
[32] Il-Qorti tosserva li f'kazijiet bhal dawk in dizamina, kull kaz ghandu jigi ezaminat fuq il-fattispecje tieghu partikolari.

[33] Fil-kaz ***Jasinski v. Poland*** il-Qorti Ewropeja osservat hekk:

*"The Court reiterates that the question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention [see among other authorities, Kudha v Poland [GC] no.30210/96 par.110-111 ECHR 2000-X]"*[23]

[34] F'dan il-kaz, il-perjodu ta' tmien xhur taht arrest preventiv, meqjus fid-dawl ta' dak kollu li sar fil-proceduri sat-3 ta' Novembru 2011, u tenut kont ukoll tal-karattru refrattarju tar-rikorrent bil-possibbilita` reali ta' intralcjar tax-xhieda, ma jistax jigi kkunsidrat bhala li jilledi d-dritt konvenzjonali tar-rikorrent fit-termini tal-Artikolu 5.

[35] Naturalment, aktar ma jghaddi z-zmien aktar ma jsir impellenti li r-rikorrent jinghata l-helsien mill-arrest. Din l-osservazzjoni pero` qed tigi maghmula ghall-kompletezza tal-argument, ghax, kif fuq indikat, ir-rikorrent illum qed igawdi l-beneficju tal-helsien mill-arrest.

[23] Appl.30865/96 para.2 deciza 21.1.2003. F'dan il-kaz il-Qorti Ewropeja kkonkludiet li fic-cirkostanzi tal-kaz it-talba tal-applikant li kien hemm vjolazzjoni tal-Art.5[3] peress li kien dam mizmum taht arrest matul il-proceduri ghal sena, tlett xhur u sitt ijiem, kienet "manifestly il-founded". Kazijiet ohra li fihom il-Qorti Ewropea ma sabitx vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu, huma dak ta' ***Chraidi v. Germany*** [Appl.65655/01 – 26 Ottubru 2006] fejn l-perijodu ta' pre-trial detention kien ta' circa hames snin u nofs; u wkoll il-kaz ***Pantano v. Italy*** [Appl.60851/00 – 6 Novembru 2003] fejn l-applikant kien gie mizmum ghall perijodu ta' sentejn, tmien xhur u erbatax-il gurnata, il-Qorti Ewropea ma sabitx vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu

[36] Illi rigward il-fatt li l-ko-akkuzat l-iehor fl-4 ta' Awwissu 2011 inghata l-helsien mill-arrest preventiv ma jimmiltax kontra din il-konkluzjoni, stante li c-cirkostanzi tal-ko-akkuzat, senjatament kif jirrizultaw mill-fedina penali tieghu, huma differenti minn dawk tar-rikorrent.

[37] Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-aggravju tal-intimat huwa gustifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali billi tilqghu u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------